22004D0038

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 38/2004

tat-23 ta'April 2004

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabblixxi ż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX li jinsab mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni Nru 8/2004 tas-6 ta' Frar 2004 ([1]).

(2) D-Direttiva 2003/6/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar negozjar minn ġewwa u manipulazzjoni tas-suq (abbuż fis-suq) ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 2929 (Direttiva tal-Kunsill 89/592/KEE) tal-Anness IX li jinsab mal-Ftehim:

"29.a **32003 L 0006**: Id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar negozjar minn ġewwa u manipulazzjoni tas-suq (abbuż fis-suq) (ĠU L 96, tat-12.4.2003, p. 16)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2003/6/KE fil-lingwa Islandiż u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' April 2004, kemm-il darba li n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-Taqsima ŻEE tal-, u fis-Suppliment ŻEE tal-, *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' April 2004.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

([1]) ĠU L 116, tat-22.4.2004, p. 54.
([2]) ĠU L 96, tat-12.4.2003, p. 16.
(*) Ħtiġiet kostituzzjonali indikati.